MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 260/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Paul Vassallo**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra Paul Vassallo ta’ 44 sena iben Anthony u Mathilde nee Schembri mwieled tal-Pieta’ fil-21 ta’ Diċembru 1966 u joqgħod 31A Del Sol Triq il-Ħemel Swieqi u li għandu l-karta tal-identita’ bin-numru 19967(M) akuużat

Talli fit-13 ta' Jannar 2011 għall-ħbata tas-18.00 waqt li kient fi Triq il-Lampara, Baħar iċ-Ċagħak l/t Naxxar

1) Volontarjament kiser il0-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat, storbu u ġlied;

2) U katar talli nġurja jew hedded lil Maria Theresa Zammit bi kliem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali tal-15 ta' Mejju 2012, (ara fol 27) li wara li rat l-artikoli 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap 9 sabitu ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u ordnat lill-imputat sabeix b'applikazzjoni tala-rtikolu 383 tal-Kap 9 jiffrima garanzija favur Maria Theresa Cauchi għal żmien sena taħt penali ta' €500 fin-nuqaas kif ukoll ordnat li l-imputat iħallas nofs l-ispejjeż tal-espert tekniku.

Rat ir-rikors tal-appell intavolat fil-25 ta' Mejju 2012 (fol 34) li fih l-appellant talab li tkun revokata s-sentenza. L-aggravju ewlieni tal-appellant huwa li l-Qorti tal-Maġistrati ma kenitx għamlet apprezzament tajjeb tal-provi. Maria Theresa Zammit kienet irrepetiet il-kliem 'terġax tiġi' tmien darbiet. Kienet hija stess li, meta kienet toqgħod il-Qawra, tat struzzjonijiet lill-appellant biex jiġbor l-uniformi minn quddiem ir-residenza tagħha. Ma kien hemm ebda ftehim sabiex l-appellant ma jmurx quddiem id-dar tagħha. Minn imkien ma jirriżulta li l-appellant hedded lil Maria Theresa Zammit.

Lanqas ma jirriżulta li l-appellant kiser il-paċi pubblika.

L-appellant issottometta wkoll li Maria Theresa Zammit mhux veru li kien qed tibża' mill-appellant għaliex kieku ma kenitx toħroġ għalih u ma kien hemm ebda raġuni għala għandha tħossha imbeżżgħa. Barra dan l-appellant kien talab lil Maria Theresa Zammit sabiex toħorġ tiġbor l-uniformi li kien ġabilha. Isegwi li hija ma kellhiex għalfejn toħroġ. Fuq kollox kien l-appellant li mar jagħmel ir-rapport. Lanqas ma teżisti l-prova li l-appellant kien qal lil Maria Theresa Zammit il-kelma 'Insibek.'

Rat l-affidavait ta' WPC 50 Oriana Spiteri li fih id-dettalji tar-rapport tal-appellant. Dan kien qal li Chloe Vassalo kienet ħalliet l-uniformi għandu u din ma kenitx għadha kkuntattjatu sabeix tiġbor l-uniformi. Maria Theresa Zammit kienet ħarġet mir-residenza tagħha u bdiet theddu li ser iżżommlu l-aċċess għat-tifla jekk dan imur quddiem ir-residenza tagħha.

Min-naħa tagħaha Maria Theresa Zammit qalet li hija kienet imbeżżgħa minn Paul Vassallo għaleix huwa kien bneidem vjolenti. Hija ċaħdet li kienet hedditu u żiedet tgħid li hu beda jheddidha bil-kliem 'Insibek'.

Rat ukoll it-traskrizzjoni tas-CD magħmula minn Dr Martin Bajada, espert maħtur mill-Qorti a fol 20 u 21. F'dan ir-rcording jidher li ntużat diversi drabi l-frażi 'terġax tiġi' minn F. Min-naħa l-oħra 'M' talba raġuni għalfejn ma kellux imur. (ara l-aħħar vers a fol 20).Id-diskursata baqgħet fl-istess vena a fol 21.

Il-Qorti semgħet lil Kyle Vassallo tixhed. Huwa qal li kienu paqpqu biex tinżel oħtha iżda minflok niżlet l-omm tgħajjat u twerżaq. L-omm bdiet tgħajjat sabeix l-appellant ma jerġax imur hemm. Meta kienet tgħix il-Qawra l-omm kienet tgħidilhom biex jitilgħu għal oħt ix-xhud u biex jagħtuha l-uniformijiet. L-istess kienet tagħmel sabiex l-appellant jieħu lil oħtha għat-training. L-appellant kien qal lil omm li kif ikun hemm raġuni beix ma jersaqx hemm, huwa stess majersaqx. (fol 49). L-omm kienet hedditu li jekk jersaq 'l hemm ma ttihx it-tifla. Ix-xhud ċaħdet li missierha kien hedded lil ommha. Ix-xhud qal ukoll li r-relazzjoni ma' ommu kienet ħażina minħabba li kellu jiddefendi 'l ħuha meta dan kien qed ikun imsawwat mill-għarus ta' ommu.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li dak in-nhar tal-inċident missieru kien qed jirrekordja kollox. Kif niżlet it-taraġ, l-omm waddbet żarbun lejhom. L-appellant kien ta l-uniformi lil omm fil-baskett.

Xehdet ukoll Marthese Cauchi li qalet li kienet niżlet tagħti l-uniformi lill-appellant. Hija kienet qalet lir-raġel tagħha sabeix ma jiġix wara l-bieb minħabba kif kien iġib ruħu fil-postijiet fejn kienet tgħix qabel. Skont ix-xhud, huwa kien jgħajjat u jitkellem ħażin u jivvinta fuqha. Huwa kien jheddida bil-pulit mingħajr ma jgħid speċifikamanet x'ser jagħmel.

Xehed ukoll l-appellant Paul Vassallo li qale li dak in-nhar kien mar ma' ibnu Kyle. Dak iż-żmien it-tifla kienet tqatta' ġimgħa għandu u ġimgħa għand il-partner. Huwa kellu jieħu l-PE kit tat-tifla minħabba li l-għada lit-tifla kienet ser twassalha l-iskola ommha. Huwa kien bagħat messaġġ lit-tifla biex javżaha li kien ser imur bl-uniformi. Fit-triq kien bagħat messaġġ ieħor Kyle sabiex tinżel Cloye. Flok niżlet it-tifla niżlet il-partner sparata. Bdiet tgħidlu biex ma jersaqx 'l hemm u hedditu li jekk jersaq 'l hemm ma ttihx aċċess għat-tifla. Hawn qalilha li kien ser imur jirrupurtaha l-għassa. Għoxrin minuta wara kien l-għassa tan-Naxxar u semmagħlhom ir-recording. Meta kienet toqgħod il-Qawra kienet titolbu biex imur għat-tifla hu u kienet tirringrazzjah. Fi tliet snin sħaħ qatt ma sar xi rapport fuq xi paroli. I-ttifla issa ilha tgħix miegħu minn Novembru 2011 u allura m'hemmx lok għall-polemiki. Huwa ċaħad li kien hedded lil Marthese (illum Cauchi). Huwa ċaħad ukoll li għamel xi storbju.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Illi l-Qorti għandha teżamina ż-żewġ imputazzjonijiet fid-dawl tal-provi ta' dak li seħħ fit-13 ta' Jannar 2011.

Wara li rat il-provi kollha, inklużi t-traskrizzjoni tax-xhieda u tar-recording, il-Qorti ma sabet ebda prova li l-appellant kien kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'xi għajjat, storbju u glied. Ukoll jekk din il-Qorti kellha toqgħod biss fuq dak li xehdet Marthese (Cauchi) fil-faċċata u nofs ta' traskrizzjoni, ma ssib mill-ebda parti ta' din ix-xhieda li jeżistu l-elementi ta' din l-ewwel konttravenzjoni u għalhekk il-Qorti qed tilliberah minnha.

Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti mkien ma sabet l-iċken prova li fit-13 ta' Jannar 2011 l-appellant b'xi mod inġurja lil Marthese (Cauchi). Lanqas ma jirriżulta li sar xi theddid bil-kliem għaliex il-fatt li wieħed jgħid li ser jagħmel rapport l-għassa b'ebda mod ma jista' jitqies bħala theddida għax dan hu dritt ta' kull ċittadin.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qed tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni wkoll.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fil-15 ta' Mejju, 2012 u qed tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija, piena jew obbligazzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------